MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1837/2003

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta l-assikurat taghha Carmel Farrugia.**

**vs**

**Jonathan Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru, 2003 fejn gie mitlub sabiex il-konvenut jigi kkundanat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf erba mija sitta u ghoxrin lira (Lm1426) dovuta kwantu ghal elf u erba mitt lira bhala danni kkagonati fil-vettura SIX 950 proprjeta` ta' Carmel Farrugia, Lm23 prezz ta' zewg surveys u Lm3 prezz ta' rapport tal-pulizija u dana b'rizultat ta l-incident stradali li sehh fil-11 ta' Marzu 2003, fi Triq Fleur de Lys B'kara ,waqt li l-istess konvenut kien

qed isuq il-vettura BBH 283 u dahal gol vettura bin-numru tar-registrazzjoni SIX 950 misjuqa minn Carmel Farrugia ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut Jonathan Calleja kwaza ta’ mprudenza, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma’ dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-11 ta Dicembru 2003 fejn bazikament huwa qed jikkontesta r-responsabbilita u kwindi d-danni allegatament kkagonati lill-assikurat tas-socjeta` attrici fl-incident in kwistjoni u sejjah lill-istess atturi sabiex igibu l-prova tal-istess danni.

Ra l-provi migjuba mill-partijiet u d-dokumenti minnhom esebiti.

Ikkunsidra.

Il-PS 950 li nvestiga l-kaz in ezami jghid in kontro-ezami illi l-ispot of impact jinsab indikat fejn hemm id-debris u cioe fi Triq Fleur de Lys fil-bokka ta Triq Bord u cioe fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej il-konvenut fit-triq principali. Jikkonferma wkoll pero`, li l-brake marks li halliet il-vettura tal-konvenut mhux talli kejjilhom ghal 62 metru izda sahansitra jikkontempla l-possibbilita li setghu kienu anke aktar minn hekk; Jikkonferma wkoll id-diskors li kien qallu l-konvenut dwar nuqqas ta’ indicator mixghul da parti ta’ l-assikurat u li ta l-ahhar kien hariglu minn wara xarabank; Jikkonferma wkoll l-posizzjoni fejn sabha wieqfa l-vettura tal-konvenut cioe ma gemb it-tieni vettura parkeggjata ‘l hinn mill-ispot of impact.

It-Tribunal jinnota wkoll mill-iskizz li l-parti tat-trieq fejn saret il-habta hija wahda dritta minnghajr ebda liwi u ghalhekk qed jigi assunt li z-zewg sewwieqa nvoluti suppost li kellhom vizwali ghat-tul.

Illi mid-dokumenti esebiti mix-xhud Edward Pace Balzan u minn dik tas-surveyor Joseph Buttigieg u tax-xhieda taghhom ghandu jirrizulta soddisfacentement ipprovat il-valur tad-danni kagonati fil-vettura tal-assikurat tas-socjeta attrici;

Illi dwar ix-xhieda moghtija mill-assikurat tas-socjeta attrici li kien qed isuq il-vettura SIX 950, it-Tribunal jixtieq josserva s-segwenti;

a) Illi huwa kien innota l-vettura tal-konvenut qabel gie biex jaqsam it-trieq – kienet xi mitt metru l-boghod minnu.
b) Id-daqqa fuq il-vettura tieghu hassha "ezatt" kif kiser. Illi ghalhekk ma tantx jista jkun li kkalkola sew li setgha jghaddi sakemm ma regax waqaf f'nofs tat-trieq ghal xi raguni jew ohra.
c) Illi d-daqqa kienet wahda ta entita kbira kif jirrizulta mill-fatt li l-assikurat spicca fuq vettura ohra u kif ukoll mill-istess hsarat estensivi li garbet il-vettura tieghu stess.
d) Illi dan ix-xhud jikkonferma li kien hemm xarabank quddiemu kif jallega l-konvenut pero din kienet xi tul ta sitt vetturi quddiemu tant li kellu vizwali tajba tat-trieq – anzi jzid ighid li seta addirittura jara madwar mitt metru l-boghod;
e) Il-vettura tal-konvenut waqfet xi sitt metri l-boghod mill-punt tal-impatt u ghalkemm ma semax brakes huwa fil-fatt rahom meta hareg mill-vettura tieghu;
f) In kontro-ezami l-assikurat ighid li qabel ma qasam hu ma waqafx izda semplicement irrallenta u qasam peress li skond hu kellu vizwali tajba ta min kien gej mid-direzzjoni opposta;

Illi dwar il-verzjoni moghtija mill-konvenut it-Tribunal jinnota s-segwenti:-

a) Huwa ra xarabank gejja mid-direzzjoni opposta tieghu u f'hin minnhom ra vettura hierga minn warajha u kisret f'salt ghal go side street;
b) Illi l-ewwel darba li huwa ra din il-vettura kien xi erba karozzi l-boghod minnha u ma jidhirlux li kellha indicator mixghul;

c) Illi bil-manuvra li ghamlet jallega li ghalqitlu t-trieq peress li sabha bejn wiehed u iehor f'nofs il-karreggjata tieghu;
d) In kontro-ezami jikkonferma li l-vettura tieghu baqghet miexja ftit 'l hinn mill-punt tal-impatt;
e) Dwar it-62 metru brake marks, il-konvenut jallega li tali distanza hija minn fejn beda jaghfas il-brakes sa fejn waqaf u mhux sal-punt tal-impatt;
f) Jikkonferma wkoll li kien ghaddej b'velocita ta mitt kilometru fis-siegha gewwa zona ta residenzjali;

Amanda Sammut u Jason Sammut it-tnejn passiggiera riekba mal-konvenut ikkonfermaw bejn wiehed u iehor il-verzjoni moghtija mill-istess konvenut inkluz dik li huwa ma tantx kien qed isuq bil-mod u li l-vettura l-ohra (tal-assikurat) "f'daqqa wahda harget mnin wara xarabank gejja mid-direzzjoni opposta";

Illi t-Tribunal wara li evalwa bir-reqqa z-zewg verzjonijiet moghtija ma jsib ebda raguni il-ghala ma ghandux jakkolji l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut bhala l-aktar wahda li tirrifletti s-sewwa fattwalment tal-mod kif sehh l-incident;

Illi t-Tribunal jaqbel ukoll perfettament mal-posizzjoni legali kif rappurtati fil-gurisprudenza li ghamel referenza ghaliha l-konvenut partikolarment is-sentenza Bonello vs Baldacchino (Qorti tal-Appell – 15/1/97) fejn f'kaz analogu ghal dan intqal li "eccess ta velocita da parti tal-main road user *(kif bla dubbju gie soddisfacentement ipprovat f'dan il-kaz anke ex admissis da parti tal-konvenut stess)* bhala regola u wahdu ma kienx fattur li jaddebitalu xi kontributorjeta ghas-sinistru. Dan b'mod partikolari fejn iz-zewg sewwieqa kellhom jew suppost li kellhom vizwali ta xulxin fit-tul". (ezattament bhal fil-kaz odjern). Il-Qorti ta l-Appell ziedet tghid li f'tali cirkostanza **"Jekk iz-zewg sewwieqa li jkunu mplikati fil-kollizjoni setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, l-fattur tal-velocita m'ghandu x'jaqsam xejn fil-kawza determinanti tal-kollizjoni".**

Illi fil-kaz in ezami l-assikurat ra l-vettura tal-konvenut gejja mid-direzzjoni opposta, kkalkola li seta jaqsam ghas-

secondary road u minnflok ma waqaf qabel ma qasam it-trieq biex jaccerta ruhu li t-trieq kienet libera u li l-manuvra tieghu ma kienetx sejra tostakola l-karreggjata principali, qabad u qasam bil-konsegwenza li hekk kif qasam ex admissis jikkonferma li hass id-daqqa “hekk kif kiser”. Illi ma hemmx dubbju li anke mill-iskizz jirrizulta li l-punt tal-impatt sehh ezattament f’nofs il-karreggjata minn fejn kien gej il-konvenut.

It-Tribunal ghalhekk in vista tal-premess qieghed jaqta u jiddeciedi l-kaz billi filwaqt li qed jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut billi jiddikjara li kien l-assikurat tas-socjeta attrici unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk tirrespingi t-talbiet tas-socjeta attrici. In vista tac-cirkostanzi ta dan il-kaz u b’sens ta ekwita t-Tribunal jiddeciedi li kwantu ghal kap tal-ispejjez dawn ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------